# Il-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju, il-Furjana

**Stephen Tonna**

Kien Lulju tal-2014 meta fil-quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-40 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tal-Eks Arċipriet Richard Borg, minflok ma ngħata rigal mill-Furjaniżi, kien xtaq, u hekk għamel, li jkun hu li jagħti rigal lill-komunità Furjaniża. Dakinhar ħabbar li se jinbeda l-proġett tal-pittura tal-kappelluni, aħbar li ntlaqgħet b'ċapċipa kbira mill-kongregazzjoni preżenti.

Xahar wara, eżattament nhar is-26 ta' Awwissu 2014, matul ġurnata sħiħa, grupp ta' volontieri, flimkien mal-istess Arċipriet Dun Richard, tellgħu sitt travi u kwantità ta' twavel li saqqfu bihom iż-żona kollha tal-Kappellun tar-Rużarju biex minn ħolma l-istorja bdiet issir aktar reali.

Inbena wkoll l-iscaffolding intern mill-volontieri, li immedjatament middew idejhom għal ħidma f'dan il-proġett. Il-ħidma inkludiet il-brix kollu tas-saqaf, bsaten u ornamenti tal-ġibs ġodda minflok oħrajn li kienu tmermru kaġun tal-ilma li daħal, tikħil fejn meħtieġ u finalment il-proċess taż-żebgħa.

Fuq talba tal-pittur John Grima, *il-postijiet kollha fejn* kellha teħel il-pittura nksew b'folji tal-fibreglass biex it-tila ma teħilx direttament fuq il-ġebla.

Wara diversi pariri minn esperti fil-qasam tal-fibreglass il-folji enormi f'qisien li laħħqu 4 metri (13.12 piedi) wisa' b'7 metri (22.97 piedi) tul, inħadmu mill-volontieri tagħna stess fil-gallarija tal-orgni.

Minħabba l-kimika qawwija u l-membrana li fih dan il-prodott, li tqabbdek il-ħakk, kien ta' inkonvenjent konsiderevoli sakemm tlestew il-folji kollha.

B'kollox saru 22 folja (11 għal kull kappellun) għax anki dawk tal-Kappellun tal-Kurċifiss, tlestew ukoll. Minħabba l-format fil-binja tagħha fl-abside (arzella) ma setgħux isiru folji u jitwaħħlu, iżda l-membrana u t-taħlita tal-fibreglass kellhom ikunu applikati direttament mal-ħajt.

Wara l-manifattura tal-folji, kien imiss li jittieħdu l-mollijiet (disinji) tal-postijiet kollha fejn kellha teħel il-pittura. Folji kbar tal-plastik twaħħlu fuq double-sided tape li twaħħal *fil-postijiet* imsemmija. Inqata' l-plastik żejjed biex baqa' biss dak fil-forma tal-kwadru ċentrali, pendenti, ecċ.

Il-plastik iffurmat ġie ttrasferit għal *fuq il-folji tal-fibre*glass li nqatgħu skont il-forma. *Permezz ta' viti stainless steel u* kavilji tal-plastik, il-folji kollha twaħħlu fil-postijiet tagħhom. Sal-aħħar tal-2016 ix-xogħol afdat lill-volontieri tagħna, inkluż l-indoratura, kien lest.

It-tradizzjoni li waqt proġetti kbar ikollna bidla tar-ragħaj spiritwali tal-parroċċa reġgħet seħħet f'April tal-2018 meta l-Kanonku Dun Charles Cini ngħata l-pussess bħala Arċipriet flok Mons. Richard Borg.

Wara diversi snin jaħdem u jpitter fl-istudio tiegħu fir-Rabat, Għawdex, f'Novembru tal-2019 tlajna għand John Grima biex niżżilna l-akbar *romblu ta tila* ppitturata; kienet dik tal-arzella.

*Bejn Novembru 2019 u Lulju* ta' din is-sena, il-pittur ġie diversi drabi li fihom, flimkien magħna l-volontieri u l-Arċipriet Dun Charles, waħħalna l-pitturi kollha. Bil-grazzja ta' Alla x-xogħol ġie fi tmiemul-Ħamis 9 ta' Lulju ta' din is-sena. Dakinhar, l-Arċipriet u numru konsiderevoli *ta' volontieri* rġajna konna hemm għaż-żarmar u t-trasferiment tat-travi u t-twavel mill-Kappellun tar-Rużarju għall-Kappellun tal-Kurċifiss.

Minflok l-impalkatura li konna għadna kif żarmajna mill-Kappellun tar-Rużarju, użajna drapp kbir abjad biex għattejna x-xogħol dekorattiv u pittoriku kollu sa dakinhar tal-inawgurazzjoni li kienet il-Ħadd 23 ta' Awwissu filgħaxija — eżattament sitt snin nieqes tlett ijiem minn dakinhar li nbeda l-proġett fis-26 ta' Awwissu 2014.




Il-pittura l-ġdida xogħol l-artist Għawdxi John Grima



Kif inkixef dan ix-xogħol ġdid. Jidher, fost oħrajn, l-Arċisqof Scicluna.

**L-artist John Grima** li għamel dan ix-xogħol mill-isbaħ. twieled Għawdex fl-14 ta' Settembru 1967, u barra li hu pittur, hu wkoll skultur u disinjatur.

Fuq firxa ta' snin, kellu 15-il wirja personali, kemm fil-gżejjer Maltin kif ukoll barra minn xtutna. Ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet internazjonali u mhux l-ewwel darba li wkoll kien ippremjat.

Minbarra bosta xogħlijiet fi knejjes, hu ħadem ukoll fuq settijiet għall-opra lirika, kif ukoll f'dak li disinn tal-palk kemm għall-festivals tal-kant kif ukoll għal kull xorta ta' produzzjonijiet teatrali.

Bħala skultur imbagħad, insibu wkoll tiegħu numru ta' monumenti, fosthom dak fl-Imġarr Għawdex li jfakkar it-Traġedja tal-1948, il-Monument tal-Millenju li nsibu f'Kerċem, kif ukoll panels fil-bronż li sabu posthom fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat Għawdex. Għamel ukoll skultura li tfakkar il-25 sena tal-Federazzjoni tal-Ibliet tal-Karnival.

Fl-2004 saħansitra kien ippubblikat ktieb bl-isem 'The Art of John Grima Paintings 1992-2002'.



Joe Grima (xellug) flimkien mal-Arċipriet tal-Furjana l-Kanonku Charles Cini